# ĠORĠ PISANI

1909 –1999
IR-RABAT GĦAWDEX

GĦALLIEM

AWTUR

POETA



# IL-BARUMBARA

Ta'



Ġorġ Pisani

Barumbara
tal-ħamiem



Kultant nixtieq il-kenn tal-barumbara

u nidħol daħla ġewwa mal-ħamiem,

nitħallat magħhom u bis-sabar nara

l-imħabba tagħhom safja u mingħajr kliem.





Għaliex l-imħabba barra saret xrara

li tgħib malajr, debba mingħajr ilġiem,



muntanja li tinħall u tisfa' żrara,
kelma mingħajr tifsira u mingħajr sliem,



u jekk insib hemm ġew tassew l–imħabba

li ili nfittex sħiħ bla ma rnexxieli,

jien nibqa' hemm u nħalli lill–bnedmin.

U nibgħat mal-ħamiem lid-dinja mxabbgħa messaġġi bojod silġ, sbieħ daqs ix-xtieli: jitolbu 'l aħwa jaħfru lil xulxin.



- X’fhimt b’din il-poeżija?
- Għaliex il-poeta mhux kuntent fid-dinja?
- Fejn irid imur jistaħba l-poeta?
- X’inhu jinkwetah l-aktar lill-poeta?



- Sib tliet metafori mill-poeżija.
- Ara jekk issibx similitudni.
- Din il-poeżija fiha żewġ kwartini u żewġ terzini. X'insejħulha poeżija bħal din?
- X'taħseb li hi r-rima li għandha?